

Brussell, 11 ta' Settembru 2023  
(OR. en)

12581/23

CO EUR-PREP 28

**NOTA**

---

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Laqgħa tal-Kunsill Ewropew (26 u 27 ta' Ottubru 2023) – Abbozz ta' aġenda annotata

---

*F'konformità mal-Artikolu 3(1) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill Ewropew, il-President tal-Kunsill Ewropew, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-membri tal-Kunsill Ewropew li jirrappreżenta lill-Istat Membru li għandu l-Prezidenza ta' sitt xhur tal-Kunsill u mal-President tal-Kummissjoni, għandu jippreżenta abbozz ta' aġenda annotata lill-Kunsill Affarijiet Ġenerali.*

*Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż l-abbozz ta' aġenda annotata ppreżentata mill-President tal-Kunsill Ewropew, fejn huma mniżżlin il-punti ewlenin li l-Kunsill Ewropew mistenni jindirizza fil-laqgħa msemmija hawn fuq.*

*Fid-dawl tad-diskussjoni finali li għandha ssir fil-Kunsill Affarijiet Ġenerali fil-ħamest ijiem ta' qabel il-laqgħa tal-Kunsill Ewropew, il-President tal-Kunsill Ewropew għandu jfassal l-aġenda proviżorja.*

## **I. UKRAJNA**

Il-Kunsill Ewropew ser jevalwa l-aħħar żviluppi fil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Ser jerġa' jeżamina wkoll l-aspetti kollha tar-rispons tal-Unjoni, kif ukoll l-appoġġ kontinwu sod u multidimensjonali tagħha lill-Ukrajna u l-poplu tagħha.

## **II. QAFAS FINANZJARJU PLURIENNALI 2021-2027**

Il-Kunsill Ewropew ser ikollu skambju ta' fehmiet dwar ir-reviżjoni proposta tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021-2027 bil-ħsieb ta' aktar ħidma fil-Kunsill.

## **III. EKONOMIJA**

Fid-dawl tal-isfidi dejjem aktar kumplessi, l-Unjoni Ewropea qed tibni ekonomija robusta u li tibqa' valida fil-futur li tiżgura prosperità fit-tul. Il-Kunsill Ewropew ser jivvaluta l-progress fit-tiżgura tal-kompetittività tal-Ewropa, b'enfasi partikolari fuq il-politika industrijali u l-enerġija. Dan ser jipprovdi gwida mmirata, filwaqt li jqis il-valutazzjoni li jmiss tal-Kummissjoni tal-impatt tal-Att dwar it-Tnaqqis tal-Inflazzjoni.

## **IV. MIGRAZZJONI**

Il-Kunsill Ewropew ser ikollu diskussjoni strateġika dwar id-dimensjoni esterna tal-migrazzjoni, b'enfasi partikolari fuq il-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi.

## **V. PUNTI OĦRA**

Il-Kunsill Ewropew ser jevalwa t-tnejn għall-Konferenza tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima f'Dubai (COP28).

Skont il-ġrajjiet li jseħħu, il-Kunsill Ewropew jista' jindirizza kwistjonijiet speċifiċi oħra ta' politika barranija (bħas-sitwazzjoni fis-Saħel).